MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 177/1998/1

Giorgia xebba Curmi .

VS

Francis u Victoria Bonello,
Peter Paul u Giorgia Portelli u b'degriet tas-6 ta' Ottubru, 2000 gie kjamat in kawza Renald Simiana, u Francis u Mariella Busuttil .

Il-Qorti ;

Il-Qorti rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :

Illi hija proprjetarja tal-fond numru wiehed u ghoxrin (21) Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex bir-raba kollu ta' mieghu, inkluz passagg privat illi jikkonduci mit-triq ghall-bieb principali tad-dar ta' residenza fuq imsemmija, u kif soggett ghad-dritt ta' passagg bir-rigel favur beni tal-familja Galea ;

Illi intom konvenuti intom proprjetarji tal-lok ta' djar bl-art kollha annessa mieghu numru ghoxrin (20), ukoll fi Triq Ghajn Qamar, Xaghra, u konfinanti din l-istess proprjeta' minn naha tat-tramuntana tieghu mal-proprjeta' tal-attrici ;

Illi wara li intom konvenuti akkwistajtu l-proprjeta' taghkom bis-sahha ta' kuntratt pubbliku minn Nutar Mariosa Grech fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru elf disa' mija sebgha u disghin (1997), intom wettaqtu xoghol fil-proprjeta' taghkom konsistenti filli ghollejtu l-livell tal-art minn naha taghkom b'diversi piedi ;

Illi per konsegwenza ta' dawn ix-xoghlijiet il-hajt divizorju bejn il-fondi rispettivi, illi qabel kien gholi bizzejjed skond il-ligi 'l fuq minn wicc l-art rispettiva issa gie biss madwar tlett piedi oghla minn wicc l-art fuq in-naha taghkom il-konvenuti ;

Illi fuq in-naha taghkom il-konvenuti, ghandkom bitha attigwa ghall-istess hajt divizorju u ghalhekk ai termini tal-artikolu 408 tal-Kodici Civili ghandu jkun gholi tlett metri u nofs (3.5m) ;

Illi minkejja illi gejtu interpellati tghollu l-hajt divizorju sal-gholi rikjest mill-ligi b'ittra interpellatorja tat-28 ta' Lulju, 1998, u ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju 1998, intom il-konvenuti bqajtu inadempjenti .

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ;

1. Tikkundannakom sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilkom prefiss intom tghollu l-hajt divizorju bejn il-proprjeta' taghkom fin-numru 20 Triq Ghajn Qamar, Xaghra, u dik tal-attrici fin-numru 21 Triq Ghajn Qamar, Xaghra, fuq in-naha tat-tramuntana tal-istess proprjeta' taghkom sal-gholi minimu rikjest mill-ligi kif hawn fuq spjegat ;

2. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici illi twettaq ix-xoghlijiet necessarji hija a riskju u ghas-spejjez

taghkom taht is-sorveljanza ta’ perit nominand ghal dan l-iskop .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Lulju, 1998, u l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Lulju, 1998 kontra taghkom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha :

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccepew :

1. Illi qabel xejn l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom ghal passagg “de quo” sabiex jistghu jisperimentaw din l-azzjoni .

2. Illi fin-nuqqas ta’ prova skond il-ligi li l-istess passagg jappartjeni unikament lill-atturi l-prezunzjoni legali hi li si tratta minn passagg ossia triq viginali, li ghaliha ma jappartjenux ir-regoli rigwardanti l-hitan divizorji .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti debitament kkonfermata bil-gurament ta’ Francis Bonello .

Rat id-degriet taghha tas-6 ta’ Ottubru, tas-sena elfejn (2000), li permezz tieghu gew kjamanti fil-kawza Renald Simiana, u Francis u Mariella konjugi Busuttil .

Rat il-verbal tal-partijiet tal-erbatax (14) ta’ Mejju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) .

Rat ukoll l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi dokumenti esebiti .

Rat il-verbal taghha ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn, dak tat-tlettax ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta, u dak tal-lum, illi permezz tieghu l-partijiet peress illi ttransigew il-pendenzi ta’ bejniethom, talbu sentenza fuq

il-kap ta' l-ispejjez, billi l-atturi jhallsu r-registru, u l-ispejjez l-ohra jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet .

Il-Qorti ghal hekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-mertu, tiddecidi dwar il-kap ta' l-ispejjez, billi tordna illi l-ispejjez tar-registru ghandhom jigu sopportati minn l-attrici, u l-bqija ta' l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn l-istess kontendenti .
S17798Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------